MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 27/2003

**Joseph Vella ghan-nom u in rappresentanza ta' "Bogi Auto Ltd"**

**vs**

**Gozo Channel Co Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta' konvenuta l-ammont bilancjali ta' tlett mija u disghin lira u tnejn u erbghin centezmi (LM390.42c0m) bejgh ta' diversi parts skond id-Dokument "A" hawn anness;

Peress illi l-istess socjeta' konvenuta naqset li thallas dan l-ammont ghalkemm giet interpellata ghall-istess fini.

Tghid l-istess socjeta' konvenuta ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

(i) Jikkundana lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' tlett mija u disghin lira u tnejn u erbghin centezmi (LM390.42c0m) prezz ta' parts mibjugha lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni; liema spejjez jinkludu zewg ittri ufficcjali wahda tas-16 ta' Lulju 2002 u l-ohra tal-21 ta' Jannar 2003. Bl-imghaxijiet skond il-ligi."

Ra r-riferta positiva li ticcertifika li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata b'din l-istanza fis-7 ta' Marzu 2003 izda li pprezentat risposta u lanqas deher xi hadd jirrapprezentaha fis-seduti li nzammu minn dan it-Tribunal;

Ra l-verbal tal-avukat tas-socjeta' attrici li permezz taghha irrinunzja ghall-mertu u talab sentenza fuq il-kap tal-ispejjez;

U billi jidher car li din il-kawza saret minhabba inadempjenza tal-hlas da parti tas-socjeta' konvenuta;

Jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara l-mertu ezawrit izda jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas tal-ispejjez ta' din il-kawza inkluz id-dritt tal-avukat tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------